NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 41 – IT-TLIETA, 25 TA' MARZU 2014

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joe Micallef | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużat: | Joseph Pierre Bonello | Membru |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 40 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Iċ-*Chairperson* talbet lis-SE sabiex sa minn tliet t'ijiem qabel il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq, jibgħatilha l-aġenda sabiex tkun tista' tagħmilha fuq in-Notice Board.

2.2. Is-Sinj. Cuomo staqsiet f'hiex waslu t-tabelli tal-ismijiet tat-toroq. Is-SE qal li huma illistjati fil-program tax-xogħlijiet.

2.3. Is-Sinj. Vella waslet f'dan il-ħin. Il-ħin kien is-6.30pm.

2.4. Iċ-*Chairperson* talbet lill-Kunsill sabiex jibgħat lil xi ħadd jaqla' l-boards kollha li hemm wara kull sett ta' bring-in-sites. Dan għaliex fil-maġġoranza tagħhom iddetorjaw filwaqt li l-Kumitat qabel li ma jordnax oħrajn ġodda.

2.5. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Kumitat jixtieq li jagħmel pubblikazzjoni bir-ritratti li juri l-ħidma tal-Kumitat f'dawn l-erbgħa snin li ilu elett. F'dan id-dawl is-SE talab l-g]ajnuna tas-Sinj. Cuomo billi possibilment tibgħat lista tax-xogħlijiet li wettqu sabiex il-Kunsill ikun jista' jfittex ir-ritratti relatati.

2.6. Il-membri lkoll qablu li l-flyer għandu jkun tat-tip A5, bil-kulur, b'sittax-il faċċata. Barra minn hekk sostnew li m'għandux jinkludi messaġġi minn xi membru u/jew kunsillier.

2.7. Iċ-*Chairperson* ipproponiet li l-flyer għandu jinkludi xi reklami. Dan sabiex effettivament inaqqas mill-ispiża tal-istess flyer. F'dan ir-rigward kien hemm qbil li m'għandux jingħata spazju ta' aktar minn 4 faċċati filwaqt li l-prezzijiet huma: €70 għal faċċata sħiħa; €40 għal nofs faċċata u €25 għal kwart minn faċċata.

## 3. TIBDIL TA' BANKINA FI TRIQ IT-TUNNARA

3.1. Is-SE informa lill-Kumitat li jista' jagħżel li joħroġ sejħa għal kuntratt speċifiku għax-xogħol ta' kostruzzjoni tal-bankina ta' Triq it-Tunnara jew inkella jiddeċiedi li

jagħmel l-ordni ta' dan ix-xogħol bħala parti mill-kuntratt il-ġdid li l-Kunsill Lokali se jkollu għall-kostruzzjoni u/jew manutenzjoni tal-bankini.

3.2. Kien hemm qbil unanimu li l-Kumitat għandu jagħmel kuntratt ġdid immirat għal dan ix-xogħol biss. Is-SE informa li fil-preżent qed iħejji l-kuntratt tal-bankini għall-Kunsill u għalhekk dan se jagħmlu flimkien ma' dan il-kuntratt.

## 4. ATTIVITAJIET SPORTIVI

4.1. Is-Sinj. Vella staqsiet jekk kienx sar ħlas lil Fr Paul Attard għall-użu tas-sala bejn Novembru 2013 u Frar 2014 għal kors żumba. Il-Kunsill se jindaga u jinforma lis-Sinj. Vella.

4.2. Is-Sinj. Vella żiedet tgħid li l-korsijiet taż-Żumba li se tkun qiegħda tagħmel is-Sinj. Sarah Micallef Smith m'għandhomx jiswew aktar minn €200 kull kors.

4.3. Is-Sinj. Vella ssuġġeriet lill-Kunsill sabiex jitkellem mas-Sur Robert Galea sabiex possibilment iraħħas il-prezz tal-klassijiet Aerobics u Pilates minn €250 għal €200. Dan għaliex minkejja li qiegħda tagħmel kull sforz sabiex tgħaqqad il-klassijiet, finalment qegħdin jispiċċaw dejjem bi żbilanċ.

4.4. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jagħmel poster A5 bħala avviż tal-korsijiet li se jiġu organizzati f'Baħar iċ-Ċagħaq. Dawn huma maħsuba li jitqassmu f'Baħar iċ-Ċagħaq u l-Madliena. F'dan id-dawl il-Kunsill se jiċċekkja kemm hemm residenzi fil-Madliena u l-ħlas mitlub sabiex jitqassam il-flyer f'din iż-żona wkoll.

4.5. Is-Sinj. Vella mistennija tibgħat id-dettalji ta' dawn il-korsijiet.

## 5. L-ATTIVITÀ ARTS IN THE PARK F'SETTEMBRU

5.1. Il-Gvern Ċentrali alloka s-somma ta' €1,500 għal Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq fid-dawl tal-applikazzjoni li għamel għall-attività Arts in the Park f'Settembru 2014.

5.2. Il-membri huma lkoll konxji li din is-somma mhix se tkun biżżejjed biex l-attività tiġi organizzatha b'mod sħiħ. Kien għalhekk li s-Sinj. Cuomo appellat lill-kumplament tal-membri sabiex joħorġu b'xi ideat oriġinali li ma jirrikjedux tant finanzi sabiex jiġu organizzati.

5.3. Is-Sur Micallef ħareġ bl-idea li ssir esebizzjoni tal-fjuri fil-Ġnien Santa Marija tal-Anġli. Il-ħsieb huwa li l-fornituri jesebixxu mingħajr ħlas, peress li fiha nfisha se sservi bħala reklam filwaqt li jkunu ta' attrazzjoni għall-pubbliku.

## 6. ILMENTI

6.1. Is-SE ressaq l-unika talba li rċieva l-Kunsill li tikkonċerna ż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq. It-talba hija għal bozza ġdida fi Triq id-Dwieli.

6.2. Għalkemm il-Kumitat fehem il-bżonn ta' din it-talba, ma setax jaċċetta tali talba minħabba li m'hemmx finanzi.

6.3. Is-Sinj. Muscat semmiet il-bozza fi Triq il-Lampara li mhix qiegħda tagħti ħafna dawl. Il-Kunsill intalab biex jagħmel ilment mal-Enemalta sabiex tinbidel il-bozza.

6.4. Is-Sinj. Muscat resqet talba għal *hump* fi Triq Santa Klara. Madankollu s-SE fakkarha li tali triq tinsab 'il barra mill-konfini taż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq u għalhekk ma setgħetx tittieħed deċiżjoni fil-Kumitat.

6.5. Is-Sinj. Muscat semmiet l-importanza tal-immarkar tal-vleġeġ fi Triq Xatt il-Palm. Dan għaliex qiegħed ikun hemm sewwieqa li qegħdin jgħaddu *one way*. F'dan id-dawl kien hemm qbil unanimu, li għandha titneħħa l-linja ta' nofs it-triq, liema linja kienet tifred karreġjata minn oħra, filwaqt li jsiru l-vleġeġ.

6.6. Maria Vella ġiet skużata. Il-ħin hu t-8.30pm.

6.7. Is-Sinj. Cuomo semmiet it-tabelli *cul de sac* li hemm bżonn jeħlu fi Triq San Franġisk t'Assisi.

6.8. Iċ-*Chairperson* semmiet ukoll il-bżonn li tintbagħat korrispondenza lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq sabiex jagħtu suġġeriment fid-dawl ta' Triq San Franġisk t'Assisi. Il-Kumitat ma jixtieqx li parti minn din it-triq jinbidel isimha, iżda tkun ideja prattika kieku kellha ssir estensjoni mal-isem tat-triq.

6.9. Is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex jibgħat lill-ħaddiema jagħmlu xogħol ta' traqqigħ ta' ħofra fi Triq is-Sikka kantuniera ma' Triq ir-Ridott; kif ukoll tul Triq Xatt il-Palm.

6.10. Is-Sinj. Muscat ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-van tal-Malta post li kien imur darba fil-ġimgħa f'Baħar iċ-Ċagħaq, ma kienx dejjem preżenti fl-aħħar ġimgħat. Hekk il-Kunsill intalab jindaga sabiex jiddetermina x'kienet ir-raġuni.

## 7. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 29 ta' April, 2014 ghas-6:00pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fid-8:45pm.

| | |
|---|---|
| *(Iffirmati)* | *(Iffirmati)* |
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |